# Il-Għelma tal-Ħelsien

*Lil Michael Kissaun b'xhieda ta'*
*l-akbar ħbiberija.*

Fuq baħar kbir ta' ramel qed jiġġieldu,
Ġo ħalq il-mewt, fin-nar u d-demm jissieltu,
Il-Qalbenin b'ħeġġa ta' Qima w Rieda
Li ma jqisux il-għaks u l-waħx tal-ġlieda;
Driegħhom mogħnija bil-qawwa li ttemm,
Ħsiebhom fir-Rebħa li wasslithom hemm.

Hemm qed jiġġieldu f'taqbidiet bla ħniena;
X'qatt jista' jbażża' dawk in-nies qalbiena
Li raw tidħak il-Mewt? Dħaħen u biża':
L-ulied jisfaw iltiema u jormlu n-nisa.
Imma mill-biki w l-hemm għad naħsbu l-ferħ,
Wara t-taqdir ikollna l-ħajr u s-serħ.

Il-Ħaqq għad jirbaħ, w għad jegħleb fis-sewwa
Il-qilla w l-għira ħarxa ta' l-egħdewwa.
Għax jirbaħ kull min f'qalbu jgħożż l-Imħabba,
Min ixerred id-demm, bla għajb imtabba'.
U fuq dil-qerda mill tal-għaus w ż-żmien
Tperper, rebbieħa, l-Għelma tal-Ħelsien.

18/2/'42

Ġużè Chetcuti